# 144. Innu Popolari tal-Indipendenza

Bil-fergħat tal-palm f'idejna,
ejjew nilqgħu lill-ħelsien,
u bil-għajta "Viva, viva"
insellmulu lkoll flimkien.

Għal eluf ta' snin mgħoddija
ġew ħakkiema fix-xtut tagħna;
iżda llum il-ħelsien wasal
biex għal dejjem jibqa' magħna.

Ilqa' fis, ja Malta ommna,
lill-ħelsien, u ifraħ bih:
dan jagħtik siġġu kif jixraq
fost il-ġnus ta' glorja u ġieħ.

Insa s-snin 'l għaddejt ilsira
tal-ħakkiema barranin;
insa u aħfer, u biss ħares
lejn is-snin il-ġejjenin.

Aħna nwiegħdu għaqda sħiħa
kemm fil-ġid u kemm fil-hemm;
aħna nwiegħdu ħidma sfiqa,
għalik aħna nċarċru d-demm.

Nifirħulek, Malta ommna,
nifirħulek bil-Ħelsien!
Viva Malta, viva Malta
inkantaw ilkoll flimkien!